MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2006

Numru 820/2004

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA'**

**VS**

**JOSEPH ZAHRA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Joseph Zahra, ta' 51 sena, bin Joseph u Anne nee' Cutajar, imwieled Birzebbuga nhar is-6 ta' April, 1953, u residenti nhar House 2, Block 5, Triq Hal-Far, Officer's Mess, Zurrieq, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 293553 (M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta' Marzu, 2004, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi:

a. Ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku jew pubbliku, jew fi skrittura kummercjali, jew ta' bank privat, falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fi-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, nkella illi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe' ghamel falsifikazzjoini tal-firma ta' Dr R Bencini, u ta' persuni ohra fuq certifikat mediku allegatament falz li gie prezentat lill-Qorti u aktar talli xjentement ghamel uzu mill-istess skritturi, kita falza, dikjarazzjoni jew certifikat falz, u dan bi ksur tal-Artikoli 183, 184, 185 (2), u 186 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. Ukoll sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tajt taghrif falz u dan bi ksur tal-Artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. Ukoll talli safa recidiv *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie kkundannat b'diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati datati 28 ta' Awissu, 1991, 28 ta' Mejju, 1993, 26 ta' Ottubru, 1995, 26 ta' Settembru, 1997, 30 ta' April, 1997, 13 ta' Ottubru, 1997, 29 ta' April, 1998, 19 ta' Lulju, 2000, 20 ta' Ottubru, 2000, 3 ta' Dicembru, 2001, 10 ta' Mejju, 2002, 9 ta' Settembru, 2002, 24 ta' Frar, 2003 u kif ukoll kiser il-provedimenti tal-Artikolu 9 tal-Kap 152, tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta datata 5 ta' Awissu, 2003.

Wara li rat l-Artikoli 183, 184, 185 (2), u 186 tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta;
L-Artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
U kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;
Wara li semghet ix-xhieda prodotta.

Ikkunsidrat:

Fuq nuqqas ta' provi ma ssibx lill-imsemmi mputat Joseph Zahra hati tal-akkuzi kif dedotti kontrieh u ghaldaqstant tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------